PARLAMENT EWROPEW

2004 *2009*

Kumitat għall-Affarijiet Legali
Iċ-´Chairman`

14.6.2006

Is-Sur Jean-Marie Cavada
´Chairman`
Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern
BRUSSELL

Suġġett: Opinjoni dwar il-bażi legali tal-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-twaqqif, it-tħaddim u l-użu tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen tat-tieni ġenerazzjoni (SIS II) (COM(2005)0236 – C6-0174/2005 - 2005/0106(COD))[1]

Fl-ittra tas-6 ta' Ġunju 2006 inti tlabt lill-Kumitat għall-Affarijiet Legali skond l-Artikolu 35(2) tar-Regoli ta' Proċedura sabiex jikkunsidra jekk il-bażi legali tal-Proposta msemmija mill-Kummissjoni hix valida u xierqa, b'mod partikolari jekk kienx validu li jiżdied l-Artikolu 63(3)(b) tat-Trattat KE bħala żieda għall-bażi legali għall-artikoli proposti mill-Kummissjoni fil-proposta għal Regolament imsemmija aktar 'il fuq.

Il-Kummissjoni pproponiet li tibbaża r-regolamenti skond l-Artikoli 62(2)(a) u 66 tat-Trattat KE. Ir-rapporteur tal-kumitat tiegħek għall-proposti tal-Kummissjoni dwar is-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen tat-tieni ġenerazzjoni (SIS II), li bħalissa qiegħed jinnegozja mal-Presidenza rigward il-konklużjoni tal-proċeduri fl-ewwel qari, għandu l-ħsieb li jressaq emenda biex jiżdied l-Artikolu 63(3)(b) KE bħala bażi legali, kif propost mill-Kunsill. Il-Kunsill jikkunsidra din iż-żieda bħala neċessarja għaliex l-informazzjoni maħżuna fis-SIS II skond l-Artikolu 15 kif modifikata mill-Kunsill mhux biss tkopri r-rifjut tad-dħul iżda saħansitra wkoll ir-rifjut tal-permess ta' residenza. Jekk ċittadin ta' pajjiż terz, li ma jgawdix id-dritt tal-moviment ħieles u jiġi mdaħħal fis-sistema, ikun diġà daħal (illegalment) fi Stat Membru, hu/hi jistgħu jiġu rrifjutati l-permess ta' residenza u għaldaqstant jisfaw imkeċċija (ara Art. 15(3)). L-Artikolu 62(2)(a) KE jkopri biss ir-rifjut tad-dħul, filwaqt li l-Artikolu 63(3)(b) huwa dwar l-immigrazzjoni illegali u għaldaqstant ikopri r-rifjut tal-permess ta' residenza.

[1] ĠU C ... / Għadha mhix ippubblikata fil-ĠU.

Il-Kumitat għall-Affarijiet Legali kkunsidra l-kwistjoni msemmija hawn fuq waqt il-laqgħa tiegħu tat-12.06.2006.

Rimarki ġenerali dwar il-bażi legali

Jidher ċar minn sentenzi ta' każistika tal-Qorti tal-Ġustizzja li l-għażla ta' bażi legali mhix waħda suġġettiva, imma "trid tkun ibbażata fuq fatturi oġġettivi li huma soġġetti għal evalwazzjoni ġudizzjarja",[1] bħall-iskop u l-kontenut tal-miżura involuta.[2] Barra minn hekk, il-fattur deċiżiv għandu jkun l-iskop prinċipali ta' miżura.[3]

Madankollu, fejn miżura għandha diversi objettivi kontemporanji li huma marbuta ma' xulxin b'mod indissolubbli mingħajr ma' l-waħda tkun sekondarja u indiretta fil-konfront ta' l-oħrajn, il-miżura għandha tkun ibbażata fuq id-diversi dispożizzjonijiet relevanti tat-Trattat[4] sakemm dan ma jkunx impossibbli minħabba l-inkompatibilità reċiproka tal-proċeduri ta' teħid ta' deċiżjonijiet stipulati mid-dispożizzjonijiet[5].

L-Iskop u l-kontenut tar-Regolament propost.

L-objettiv prinċipali ta' dan ir-regolament propost - flimkien mal-proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar it-twaqqif, it-tħaddim u l-użu tat-tieni ġenerazzjoni tas-Sistema ta' l-Informazzjoni ta' Schengen (COM(2005)0230 - 2005/0103 (CNS)) ibbażata fuq it-Titolu VI tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea - biex jistabbilixxi qafas legali li jirregola s-SIS II.

Iż-żewġ proposti jistabbilixxu dispożizzjonijiet komuni dwar l-istruttura, l-iffinanzjar, ir-responsabilitajiet u r-regoli ġenerali ta' l-ipproċessar tad-dejta u tal-ħarsien tad-dejta għas-SIS II. Barra minn dawk ir-regoli komuni, ir-regolament propost fih dispożizzjonijiet dwar l-ipproċessar tad-dejta tas-SIS II biex jingħata appoġġ lill-implimentazzjoni tal-politiki marbuta mal-moviment tal-persuni bħala parti mill-acquis (eż. il-fruntieri esterni u l-viża). Sistema ta' informazzjoni kompjuterizzata għandha tiġi stabbilita sabiex tippermetti lill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri sabiex jikkoperaw billi jpartu l-informazzjoni għal skopijiet ta' kontrolli fuq persuni u oġġetti.

Il-proposta għar-regolament tiddefinixxi l-kundizzjonijiet u l-proċeduri għall-ipproċessar ta' sejħat ta' allarm maħruġa fir-rigward ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi fis-SIS II u l-iskambju ta' informazzjoni supplimentari bl-iskop li tirrifjuta d-dħul fit-territorju ta' l-Istati Membri (l-Artikolu 2(1) tal-proposta) kif ukoll tistabbilixxi dispożizzjonijiet dwar l-istruttura teknika tas-SIS II, ir-responsabilitajiet ta' l-Istati Membri u tal-Kummissjoni, ir-regoli ġenerali ta' l-ipproċessar tad-dejta, id-drittijiet ta' l-individwi konċernati u l-obbligi.

L-Artikolu 15(1) tar-regolament propost jistipula l-kundizzjonijiet tas-sejħat ta' allarm fir-rigward ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi bl-iskop li jiċħad id-dħul fit-territorju ta' l-Istati Membri

[1] Każ 45/86 *Il-Kummissjoni v il-Kunsill* [1987] ECR 1439, para. 5.
[2] Każ C-300/89 Il-Kummissjoni *v il-Kunsill* [1991] ECR I-287, para. 10.
[3] Każ C-377/98, *L-Olanda v Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill* [2001] ECR I-7079, para. 27.
[4] Każ 165/87 *Il-Kummissjoni v il-Kunsill* [1988] ECR 5545, para. 11.
[5] Ara, eż.,Każ C-300/89 *Il-Kummissjoni v. Il-Kunsill* [1991] ECR I-2867, para. 17-21 (il-każ tad-Dijossidu tat-Titanju), Każ C-388/01 Il-Kummissjoni v. Il-Kunsill [2004] ECR I-4829, para. 58 u Każ C-491/01 British American Tobacco [2002] ECR I-11453, para. 103-111.

fuq il-bażi ta' deċiżjoni li tiddefinixxi l-perjodu tar-rifjut tad-dħul maħruġa mill-awtoritajiet amministrattivi u ġudizzjarji kompetenti.

Il-Proċedura

Fid-Dikjarazzjoni Nru 5 annessa mat-Trattat ta' Nizza, l-Istati Membri qablu li, mill-1 ta' Mejju 2004, il-proċedura ta' kodeċiżjoni skond l-Artikolu 251 KE tkun tapplika għall-adozzjoni ta' miżuri msemmija fl-Artikolu 63(3)(b) u li tkun tapplika wkoll għall-adozzjoni tal-miżuri li ssir referenza għalihom fl-Artikolu 62((2)(a) mid-data li fiha jintlaħaq il-ftehim bl-iskop tal-miżuri rigward persuni li jaqsmu l-fruntieri esterni ta' l-Istati Membri. Skond id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/927/KE tat-22 ta' Diċembru 2004[1], il-Kunsill irid jaġixxi bi qbil mal-proċedura ta' l-Artikolu 251 tat-Trattat KE meta jadotta l-miżuri msemmija fl-Artikolu 62, punt 2(a) tat-Trattat KE. Il-proċedura ta' l-Artikolu 251 KE għandha wkoll tapplika għall-miżuri bbażati fuq l-Artikolu 63 punt 3(b) KE.

Skond il-Protokoll fuq l-Artikolu 67 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, anness mit-Trattat ta' Nizza għat-Trattat KE, il-Kunsill irid jaġixxi b'maġġoranza kkwalifikata, fuq proposta tal-Kummissjoni u wara li jikkonsulta l-Parlament Ewropew, sabiex jadotta l-miżuri msemmija fl-Artikolu 66 KE.

Konklużjonijiet

Jidher mill-għan u l-kontenut tar-regolament propost, li l-Artikoli 62(2)(a) u 66 tat-Trattat KE huma l-bażi legali xierqa għar-regolament kif propost mill-Kummissjoni. L-objettiv prinċipali tal-proposta huwa li jistabbilixxi qafas legali għat-twaqqif, għat-tħaddim u l-użu tas-SIS II bħala strument għal koperazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri permezz ta' skambju ta' informazzjoni, bil-premessa li jitwettqu l-politiki tal-KE u ta' l-Istati Membri tagħha dwar il-migrazzjoni u l-moviment ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi fi ħdan il-Komunità.

Sakemm ir-regolament propost ikollu l-mira li jistabbilixxi proċeduri għall-iskambju sistematiku ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri u li jiddefinixxi l-istruttura tas-sistema ta' informazzjoni (SIS II) li għandha tappoġġjahom, il-bażi legali xierqa hija l-Artikolu 66 tat-Trattat KE. Dan l-artikolu jiffoka fuq il-koperazzjoni fil-prattika ta' l-amministrazzjonijiet ta' l-Istati Membri, bħall-iskambju ta' informazzjoni, it-twaqqif ta' punti ta' kuntatt nazzjonali, miżuri għall-infrastruttura, eċċ. Skond dik id-dispożizzjoni, il-Kunsill se jieħu miżuri biex jiżgura l-koperazzjoni bejn id-dipartimenti konċernati ta' l-amministrazzjonijiet ta' l-Istati Membri f'oqsma koperti mit-Titolu IV tat-tielet parti tat-Trattat KE, kif ukoll bejn dawk id-dipartimenti u l-Kummissjoni. L-iskambju ta' informazzjoni huwa azzjoni ta' koperazzjoni bejn id-dipartimenti konċernati ta' l-Istati Membri, kif stipulata fl-Artikolu 66 KE. Il-bażi legali ta' l-Artikolu 66 KE tista' wkoll tkopri dispożizzjonijiet fuqiex l-awtoritajiet għandhom aċċess għas-SIS II; għalhekk, il-proposta tippermetti għall-aċċess mill-awtoritajiet responsabbli għall-fruntieri esterni, il-viżas, ir-refuġju u l-immigrazzjoni.

Sakemm jiġu stipulati r-regolamenti sostantivi li jaffettwaw il-politika fuq il-kontroll fi fruntieri esterni, l-Artikolu 62 (2) (a) KE jikkostitwixxi bażi legali xierqa għar-regolament propost; b'mod partikolari dan għandu x'jaqsam man-natura tas-sejħat ta' allarm li jistgħu jiġu

[1] [1] OJ L 396 tal-31 ta' Diċembru 2004, p. 45

awtorizzati u l-azzjoni li għandha tittieħed mill-awtoritajiet responsabbli għall-kontroll tal-fruntieri esterni. Dawk l-awtoritajiet għandhom, bħala parti mill-verifiki fil-fruntieri esterni, ifittxu lill-persuna li tixtieq tidħol fit-territorju kontra s-SIS. Skond l-Artikolu 62(2) (a) KE, il-Kunsill għandu jadotta miżuri dwar persuni li jaqsmu l-fruntieri esterni ta' l-Istati Membri billi jistabbilixxi standards u proċeduri li jridu jiġu segwiti mill-Istati Membri fil-verifiki li jagħmlu fuq persuni f'dawk il-fruntieri. L-Artikoli 15 u 16 tar-regolament propost jistabbilixxi dispożizzjonijiet normattivi li jikkonċernaw ir-rifjut tad-dħul. L-applikazzjoni tagħhom toħloq raġunijiet biex persuna tkun irrifjutata d-dħul fit-territorju ta' l-Istati Membri. Sejħat ta' allarm bħal dawn huma kkontrollati primarjament waqt li persuni jkunu qegħdin jaqsmu l-fruntieri esterni ta' l-Istati Membri. Għaldaqstant, l-istandards u l-proċeduri li jridu jiġu segwiti mill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri fit-twettiq ta' verifiki fuq persuni fil-fruntieri esterni ta' l-Istati Membri jkunu affettwati.

It-tagħqid flimkien ta' l-Artikoli 62(2(a) u 66 KE bħala bażijiet legali għar-regolament propost jimplika li l-proċedura li ssir referenza għaliha fl-Artikolu 251 KE għandha tiġi segwita għall-adozzjoni tal-miżura fit-totalità tagħha.

Rigward il-mistoqsija, jekk hux xieraq li jiżdied l-Artikolu 63(3)(b) KE bħala bażi legali miżjuda, mill-emendi proposti jidher, b'mod partikolari għall-Artikolu 15 tal-proposta, li jkun xieraq jiżdied l-Artikolu 63 (3) (b) KE mal-bażijiet legali tal-proposta.

Skond l-Artikolu 63(3) (b) KE, il-Kunsill għandu jadotta miżuri rigward il-politika ta' l-immigrazzjoni, u b'mod speċjali dwar l-immigrazzjoni illegali u permessi ta' residenza illegali, inkluża r-ripatrijazzjoni ta' l-immigranti illegali. Li kieku l-Artikolu 15 tal-proposta kellu jiġi emendat kif propost mill-Kunsill, kien ikun xieraq li jiżdied l-Artikolu 63(3)(b) KE bħala bażi legali miżjuda. Skond l-emenda proposta, il-fatt li tiġi awtorizzata sejħa ta' allarm għaċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi ikollu l-iskop li jiġi rrifjutat id-dħul jew il-permess ta' residenza. L-emenda għall-Artikolu 15 kif proposta mill-Kunsill u kif ikkunsidrata mill-kumitat LIBE tkun tinkludi l-kundizzjonijiet biex jiġu awtorizzati sejħat ta' allarm rigward ir-rifjut tal-permess ta' residenza. L-Artikolu 15(1) emendat jinqara kif ġej:

> *"Dejta dwar ċittadini ta' pajjiżi terzi li għalihom ġiet awtorizzata sejħa ta' allarm għall-iskopijiet li jiġi rrifjutat id-dħul jew il-permess ta' residenza, għandhom jiddaħħlu fuq il-bażi ta' sejħa ta' allarm nazzjonali li tirriżulta minn deċiżjoni meħuda mill-awtoritajiet amministrattivi kompetenti jew il-qrati skond regoli ta' proċedura stipulati mil-liġi nazzjonali. Din id-deċiżjoni tista' tittieħed biss skond il-bażi ta' evalwazzjoni individwali, minbarra l-każ li hemm f'paragrafu 2(c). Appelli kontra dawn id-deċiżjonijiet għandhom isiru skond il-leġiżlazzjoni nazzjonali."*

Barra minhekk, skond l-emenda proposta għall-Artikolu 15(3) id-deċiżjoni biex tiġi awtorizzata sejħa ta' allarm, tista' tkun ibbażata fuq il-fatt li ċittadin ta' pajjiż terz kien suġġett għall-miżuri li jinvolvu tkeċċija, rifjut tad-dħul jew il-vjaġġ tiegħu. Il-paragrafu 3 emendat ta' l-Artikolu 15 jinqara kif ġej:

> *"Deċiżjoni sabiex tiġi awtorizzata sejħa ta' allarm tista' tkun ibbażata fuq il-fatt li ċittadin ta' pajjiż terz kien suġġett għall-miżuri li jinvolvu t-tkeċċija, ir-rifjut tad-dħul jew il-vjaġġ li għadhom ma ġewx irrevokati jew sospiżi, b'żieda ta', jew akkumpanjati*

b'xi projbizzjoni fuq id-dħul, jew fejn applikabbli, projbizzjoni dwar il-permess ta' residenza, ibbażati fuq in-nuqqas ta' osservanza mar-regolamenti nazzjonali rigward id-dħul jew il-permessi ta' residenza taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi."

Emenda bħal din tipprovdi espliċitament li sejħat ta' allarm għall-iskop tar-rifjut tad-dħul jew tal-permessi ta' residenza għandhom ukoll l-iskop li jkeċċu persuni mit-territorju ta' l-Istati Membri u għaldaqstant jagħtu lill-awtoritajiet nazzjonali responsabbli mill-kontroll fil-qasam tal-pulizija u l-immigrazzjoni f'pajjiżhom aċċess għas-sejħat ta' allarm fuq l-istess livell bħall-awtoritajiet ta' kontroll tal-fruntieri. Għaldaqstant ikun xieraq li jiżdied l-Artikolu 63(3)(b) KE bħala bażi legali.

Irid jiġi rrimarkat li ż-żieda ta' l-Artikolu 63(3)(b) KE bħala bażi legali ma' l-Artikoli 62(2)(a) KE u 66 KE ma tirriżultax f'bidla fil-proċedura, sakemm l-Artikolu 63(3)(b) KE jirreferi għall-proċedura ta' l-Artikolu 251 KE.

Il-bażi legali xierqa għar-regolament propost kif emendat skond il-proposta tal-Kunsill għandha tkun l-Artikoli 62(2)(a), 63(3)(b) u 66 tat-Trattat KE.

Fil-laqgħa tiegħu tat-12 ta' Ġunju 2006, il-Kumitat għall-Affarijiet Legali ddeċieda unanimament[1], li jipproponi li l-Artikolu 63(3)(b) KE għandu jiżdied bħala bażi legali għall-Artikoli 62(2)(a) u 66 KE fil-każ li l-emendi proposti mill-Kunsill jiġu adottati mill-Parlament.

Dejjem tiegħek,

Giuseppe Gargani

[1] Membri preżenti għall-votazzjoni finali: Rainer Wieland (aġent ´chairman`), Diana Wallis (rapporteur għal opinjoni), Maria Berger, Rosa Díez González, Bert Doorn, Monica Frassoni, Piia-Noora Kauppi, Klaus-Heiner Lehne, Hans-Peter Mayer, Aloyzas Sakalas, Francesco Enrico Speroni, Jaroslav Zvěřina, Tadeusz Zwiefka.